# Mellieħa Northenders Baseball Club

Għaddiet sena oħra, u n-Northenders jistgħu jgħidu li kienet sena ta' suċċess kbir, wara r-rebħa ta 'żewġ kampjonati, dik tal-kbar u iehor taż-żgħar. Iżda barra minn dan, in-Northenders kisbu suċċess iehor. Mike Bartolo, li huwa l-iżgħar membru tan-Northenders, kiseb żewġ titli prestiġjużi wara li s-sena l-oħra ippartecipa mat-tim Nazzjonali Malti f'turnament iternazzjonali fl-Italja li fih ħadu sehem pajjiżi kbar fosthom l-Italja, l-Amerika, l-Germanja, Litwanja u l-Iżrael. Bartolo kiseb dawn iż-żewġ trofej għall-pitching, fost kompetituri oħra internazzjonali. Flimkien ma Bartolo kien hemm ħames players oħra mit-tim taż-żgħar tal-Mellieħa: John u James Bartolo, Clint Grima, Darren Borg u Mitchell Buhagiar.



Fost l-attivitajiet organizzati is-sena konsekuttiva li għaddiet, in-Northenders reġgħu għat-tieni sena organizzaw it-triangular turnament f'Novembru fil-ground tal-Mellieħa. F'dan it-turnament, flimkien man-Northenders ikkompetew il-Gżira Mustangs u tim ġdid li iffurmat propju is-sena l-oħra, Hogs Baseball Club. Ghat-tieni sena konsekuttiva, in-Northenders rebħu dan it-turnament wara li telgħu final mal-Mustangs.

Din is-sena wkoll bdiet tajjeb għan-Northenders, wara li Pierre Gaffiero Limited għoġbu jagħti sponsorship lit-tim billi xtara basket sportiv lil kull wieħed mill-15–il- membru tat-tim. It-tim flimkien mal-membri tal-kumitat jixtiequ jieħdu din l-opportunita' biex pubblikament jirringrazzjaw lil Gaffiero ta' dan l-isponsorship. It-tim u l-membri tak-kumitat jingħaqdu wkoll biex juru l-apprazzament tagħhom lil President, is-segretarju u l-kumplament tal-membri tal-kumitat tal – Mellieha Sports club tas-sapport u l-koperazzjoni tagħhom.

It-tim Mellieħi tal-baseball qiegħed ihejji għalll bidu ta' staġun ieħor, iżda din is-sena in-Northenders għandhom entużjażmu ikbar minn qatt qabel. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-baseball Malti, in-Northenders sejrin f'Marzu jippartecipaw f'turnament internazzjonali fi Sqallija, din id-darba bħala club u mhux parti mit-tim Nazzjonal Malti. In-Northenders għandhom jilgħabu ma timijiet stabbiliti fi Sqallija u l-Italja ta' isfel bħal ma huma Cus Messina u San Giorgio Reggio Calabria.

Bħala kontinwazzjoni ta' ħidma għat-turnament ta' Marzu, in-Northenders ser jorganizzaw 'Pasta Night' fis-sala ta' l-Isports Club ftit jiem qabel ma t-tim jitlaq għal Sqallija biex jaqsmu l-entużjażmu tagħhom mas-sapporters u dawk kollha li jogħgobhom jattendu. Iktar informazzjoni dwar din l-attivita' tidher fuq in-notice board ta' l-Isports Club.

Segretarja
Christine Farrugia